IV

*(Atti adottati qabel l-1 ta' Diċembru 2009 skont it-Trattat tal-KE, it-Trattat tal-UE u t-Trattat Euratom)*

**BANK EWROPEW TAL-INVESTIMENT**

**DEĊIŻJONI TAL-BORD TAL-GVERNATURI**

**tat-30 ta' Marzu 2009**

**dwar iż-żieda fil-kapital tal-Bank Ewropew tal-Investiment**

IL-BORD TAL-GVERNATURI TAL-BANK EWROPEW TAL-INVESTIMENT,

WARA LI KKUNSIDRA l-Artikoli 4(3) u 5(2) tal-Istatut,

BILLI l-kompitu tal-Bank huwa stabbilit fl-Artikolu 267 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

BILLI skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(1) tal-Istatut tal-Bank, l-unità tal-kont għandha tkun iddefinita bħala li hija l-euro,

BILLI l-iżvilupp reċenti fl-attività tal-Bank u l-iżvilupp li aktarx ser ikun hemm fit-tislif, b'mod partikolari bil-għan li tingħata risposta għas-sejħiet tal-Kunsill Ewropew u l-Kunsill tal-ECOFIN, jeħtieġ appoġġ akbar mill-BEI għal firxa ta' attivitajiet, b'mod partikolari fil-perspettiva preżenti tas-sitwazzjoni ekonomika fl-UE matul is-snin li ġejjin,

BILLI skont id-deliberazzjonijiet tal-Bord tad-Diretturi dwar il-ħtiġijiet ta' kapital tal-Bank fil-laqgħa tiegħu tas-16 ta' Diċembru 2008, il-kapital sottoskritt tal-Bank għandu jiżdied għal EUR 232 392 989 000; il-porzjon li għandu jitħallas għandu jkun ta' 5 fil-mija, iffinanzjat għal kollox mill-Bank mir-Riżervi Addizzjonali tiegħu, u l-Fond ta' Riżerva għandu jerġa' jinbena progressivament sar-rekwiżit statutorju tiegħu ta' 10 fil-mija tal-kapital sottoskritt,

IDDEĊIEDA UNANIMAMENT fit-30 ta' Marzu 2009, permezz tal-proċedura bil-miktub stipulata fl-Artikolu 5 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Bank, fuq proposta mill-Bord tad-Diretturi, skont l-Artikolu 4(3) tal-Istatut tal-BEI li:

1. Riżervi Addizzjonali tal-Bank fl-ammont ta' EUR 5 379 241 000 għandhom jitqiesu bħala riżervi liberi;

2. Mir-riżervi liberi, EUR 2 000 000 000 għandhom jiġu ttrasferiti lil riżerva apposta bħala appoġġ għall-SFF u impenji simili;

3. B'effett mill-1 ta' April 2009, il-kapital tal-Bank għandu jiżdied skont kif ġej:

3.1. Il-kapital sottoskritt mill-Istati Membri għandu jiżdied pro rata, minn EUR 164 808 169 000 għal EUR 232 392 989 000, sabiex jintlaħqu dawn l-ammonti (EUR):

| | |
|---|---|
| Il-Ġermanja | 37 578 019 000 |
| Franza | 37 578 019 000 |
| L-Italja | 37 578 019 000 |
| Ir-Renju Unit | 37 578 019 000 |

| | |
|---|---|
| Spanja | 22 546 811 500 |
| Il-Belġju | 10 416 365 500 |
| L-Olanda | 10 416 365 500 |
| L-Iżvezja | 6 910 226 000 |
| Id-Danimarka | 5 274 105 000 |
| L-Awstrija | 5 170 732 500 |
| Il-Polonja | 4 810 160 500 |
| Il-Finlandja | 2 970 783 000 |
| Il-Greċja | 2 825 416 500 |
| Il-Portugall | 1 820 820 000 |
| Ir-Repubblika Ċeka | 1 774 990 500 |
| L-Ungerija | 1 679 222 000 |
| L-Irlanda | 1 318 525 000 |
| Ir-Rumanija | 1 217 626 000 |
| Is-Slovakkja | 604 206 500 |
| Is-Slovenja | 560 951 500 |
| Il-Bulgarija | 410 217 500 |
| Il-Litwanja | 351 981 000 |
| Il-Lussemburgu | 263 707 000 |
| Ċipru | 258 583 500 |
| Il-Latvja | 214 805 000 |
| L-Estonja | 165 882 000 |
| Malta | 98 429 500 |

3.2. Mir-riżervi liberi, EUR 3 379 241 000 għandhom jiġu ttrasformati f'kapital imħallas permezz ta' trasferiment mir-Riżervi Addizzjonali tal-Bank għall-kapital tiegħu;

3.3. Dan il-kapital għandu jitqies li huwa parti mill-kapital sottoskritt u mħallas, biex b'hekk il-kapital imħallas tal-Bank jiżdied minn EUR 8 240 408 450 għal EUR 11 619 649 450;

KONSEGWENTEMENT

3.4. L-Istatut tal-Bank għandu jiġi emendat. Sa mill-1 ta' April 2009: l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(1) tal-Istatut tal-Bank għandu jkun ifformulat kif ġej:

"Il-kapital tal-Bank għandu jkun EUR 232 392 989 000 sottoskritt mill-Istati Membri skont kif ġej

| | |
|---|---|
| Il-Ġermanja | 37 578 019 000 |
| Franza | 37 578 019 000 |
| L-Italja | 37 578 019 000 |
| Ir-Renju Unit | 37 578 019 000 |
| Spanja | 22 546 811 500 |
| Il-Belġju | 10 416 365 500 |
| L-Olanda | 10 416 365 500 |

| | |
|---|---|
| L-Iżvezja | 6 910 226 000 |
| Id-Danimarka | 5 274 105 000 |
| L-Awstrija | 5 170 732 500 |
| Il-Polonja | 4 810 160 500 |
| Il-Finlandja | 2 970 783 000 |
| Il-Greċja | 2 825 416 500 |
| Il-Portugall | 1 820 820 000 |
| Ir-Repubblika Ċeka | 1 774 990 500 |
| L-Ungerija | 1 679 222 000 |
| L-Irlanda | 1 318 525 000 |
| Ir-Rumanija | 1 217 626 000 |
| Is-Slovakkja | 604 206 500 |
| Is-Slovenja | 560 951 500 |
| Il-Bulgarija | 410 217 500 |
| Il-Litwanja | 351 981 000 |
| Il-Lussemburgu | 263 707 000 |
| Ċipru | 258 583 500 |
| Il-Latvja | 214 805 000 |
| L-Estonja | 165 882 000 |
| Malta | 98 429 500” |

4. Din id-deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Għall-Bord tal-Gvernaturi*
*Iċ-Chairman*
C. STAVRAKIS

*Is-Segretarju*
A. QUEREJETA